**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' Jannar, 2016

Rikors Guramentat numru : 428/2015 AL

Ab

vs

Cd

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet:

Illi hija zzewget lill-intimat fl-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn (2000) – (Certifikat taz-zwieg anness u markat Dokument 'A').

Illi l-partijiet xoljew u illikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u resqu ghas-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ippubblikat in atti Nutar Dottor Elena Farrugia fit-tnejn (2) ta' Gunju tas-sena elfejn u sitta (2006) (kopja annessa u markata Dokument 'B').

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.

Ili l-partijiet irrinunzjaw reciprokament mid-dritt rispettiv taghhom illi jitolbu jew jiricievu l-manteniment minghand xulxin.

Illi sal-lum ghaddew aktar minn disa` (9) snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li z-zwieg taghha mal-intimat CD bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk min din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Qorti;

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz taghha jiddikjara li ma jopponix ghat-talba ghal divorzju, filwaqt li joggezzjona li ihallas spejjez tal-prezenti procedura;

Rat ir-rikors ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti ;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Novembru, 2015 ;

Rat ir-risposta tal-intimat ;

Rat illi r-rikorrenti li kkonfermat ir-rikors taghha bil-gurament ;

Rat l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-2 ta' Gunju 2006 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ppruvat ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut mill-intimat;

Ghaldaqstant, il-Qorti tilqa` t-talbiet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;